# Pietro Gagliardi 1809 - 1890

## *Stephen Galea*



Pietro Gagliardi twieled f'Ruma fl-1809. Huwa studja l-arti fl-Akkademja ta' *San Luca* f'Ruma, waħda mill-aktar skejjel tal-arti prestiġjużi fl-Italja.

Dan l-artist Ruman kien qed jikseb fama kbira fil-belt eterna fejn kien joqgħod. Kien kiseb diversi kummissjonijiet minn diversi nies ewlenin tal-knisja.

Malta ma kinitx eċċezzjoni. Il-mewt tal-pittur Ġużeppi Hyzler (1773-1858), ħalliet vojt kbir għax-xogħlijiet artistiċi reliġjużi. Iżda ġara li kien hemm membru tal-kleru Malti li kellu influwenza kbira fuq it-tmexxija tal-knisja f'Malta. Dan kien il-Monsinjur Paolo Pullicino, li kien jifhem sew fl-arti sagra. Monsinjur Pullicino kellu kuntatti kbar ma' Ruma. Waqt żjara fil-Vatikan kien sar ħabib mal-Kanonku Salvatore Souchet u permezz ta' dan ġie avviċinat Pietro Gagliardi. Wara xi żmien il-Kanonku Souchet marad u Monsinjur Pullicino kien jiltaqa' ma' Pietro Gagliardi personalment f'Ruma fejn hu kien imur ta' spiss.



L-ewwel xogħol li Pietro Gagliardi wettaq f'Malta kienet pittura ta' San Pawl, opra għall-Monsinjur Pullicino. Huwa ħadem diversi kwadri għall-Katidrali u knejjes ewlenin Maltin, fosthom tal-Madonna bil-Bambin li jinsab fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina. L-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, il-Monsinjur Gaetano Pace Forno, kien avviċinah biex ipitter il-kwadru titulari ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, xogħol mill-isbaħ kemm fil-kuluri u fil-perspettiva. Pietro Gagliardi beda jiġi mfittex biex ipitter kwadri tal-Madonna. Lil Gagliardi kienu jsibuh bħala 'IL-MADONNARO', jiġifieri il-pittur tal-figura ta' Marija mimlija ħlewwa. Opra oħra li kien wettaq wara li ġie



kkummissjonat kienet il-kwadru titulari ta' Santa Marija tal-Gudja. F'dan il-kwadru tispikka l-ħlewwa u s-sbuħija li tispikka f'ommna Marija Santissima. Dan sar fl-1877. Fil-bidu tas-sena tal-1874, il-kappillan tal-parroċċa arċimatriċi ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, Don Paolo Lauren ried kwadru ġdid bħala titular u l-għażla waqgħet fuq Pietro Gagliardi. Għalhekk il-kappillan dar fuq Mons. Paolo Pullicino biex dan jikkummissjona lill-pittur u f'dik is-sena, jiġifieri fl-1874, Gagliardi ħadem il-kapolavur tiegħu, l-Annunzjazzjoni bħala titular għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien, pittura mill-isbaħ kemm fil-viżjoni kif ukoll fil-kobor. Dan il-kwadru kien sewa s-somma ta' 200 lira Sterlina u ġie mħallas mill-familja Abela.

Kwadri oħra li għamel Pietro Gagliardi, kien is-sotto kwadru ovali tal-Madonna tad-Duttrina għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Insibu l-Madonna Galgliardiana fi kwadru ċkejken fil-Mużew tal-Katidral u tal-anġlu kustodju li jinsab fil-Katidral tal-Imdina.

Hemm ħafna aktar kwadri xi ssemmi. Pietro Gagliardi kien jispeċjalizza fis-sors tad-dawl li jifforma ċirku madwar il-figuri ċentrali, kif ukoll l-ilwien kemm tal-figuri kif ukoll tal-ambjent. Iżda għalkemm dawn jistgħu jagħtu l- impressjoni ta' monotonija, ix-xogħol ta' Gagliardi xorta jibqa' wieħed li jiġbed l-għajn u jqanqal is-sentimenti.



Pietro Gagliardi jista' jitqies bħala l-pittur ideali għall-kwadri tal-Madonna, u b'temi reliġjuzi fil-knejjes Maltin.

Pietro Gagliardi miet fl-eta' ta' 81 sena fil-belt ta' Frescati qrib Ruma fl-1890.